

## IL-LINGWI FI ĦDAN L-ORDNI TA’ SAN ĠWANN

**Tmien Lingwi**

Fl-1319, il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni ħareġ digriet li l-Kavallieri għandhom jitqassmu skont il-Lingwi. Dawn kienu: Franza, Provenza, Averna, Ġermanja, Ingilterra, Italja u Aragona. Fl-1462, il-Portugal u Kastilja ma baqgħux jagħmlu parti mill-Berġa t’Aragona u saru l-Lingwa ta’ Kastilja. B’hekk in-numru ta’ Lingwi tela’ għal tmienja.

**Il-Qawmien mill-ġdid tal-Lingwa tal-Ingilterra**

Meta fl-1571, l-Ordni mxiet lejn il-Belt Valletta, Kavallieri mill-Lingwa tal-Ingilterra kont tgħoddhom fuq subgħajk. Dan għaliex ir-Riforma Protestanta ta’ Enriku VIII (1532-1537) naqset ħafna mis-saħħa tal-Knisja Kattolika fl-Ingilterra, b’ħafna familji nobbli juru lealta’ lejn ir-Re u mhux lejn il-Papa. Kien f’dan iż-żmien ukoll li ħafna mill-proprjetà tal-Ordni li kellha fl-Ingilterra ġiet ikkonfiskata. Fl-1784, din il-Lingwa reġgħet ingħatat il-ħajja, meta Kavallieri mill-Ingilterra u d-dominju tagħha setgħu jkunu parti mill-Berġa tal-Bavarja.

**Ordni Kavalleresk**

Kavallieri li xtaqu jagħmlu parti mill-Ordni, riedu jkunu ġejjin minn familji nobbli. Żgħażagħ ta’ 18 –il sena kienu jieħdu vot ta’ faqar, kastità u ubbidjenza. Kavallieri li jkunu għadhom kif ingħaqdu, iridu jagħmlu 5 snin fil-Kunvent, li bejn l-1530 u l-1798 kienu l-Birgu u wara l-Belt Valletta. Kull Berġa kienet isservi biex jgħixu u jiltaqgħu flimkien il-Kavallieri tal-istess Lingwa. L-amministrazzjoni tar-responsabbiltajiet assenjati lil kull Lingwa kienu jitmexxew mill-Bereġ rispettivi.




© 2021 Heritage Malta Publishing